DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/962

tat-2 ta' Lulju 2020

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 fir-rigward tal-pubblikazzjoni tar-referenzi ta' Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni għal ċerti prodotti tal-bini

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22 tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 305/2011, il-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika jridu jużaw il-metodi u l-kriterji pprovduti fid-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti tal-bini koperti minn dawk id-dokumenti b'rabta mal-karatteristiki essenzjali tagħhom.

(2) F'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, wara diversi talbiet mill-manifatturi għal Valutazzjonijiet Tekniċi Ewropej, l-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika (korpi VT) fasslet u adottat 19-il Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni.

(3) Id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni li ġew imfassla u adottati mill-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika huma relatati mal-prodotti tal-bini li ġejjin:

— kits ta' impermeabilizzazzjoni bbażati fuq membrani polimeriċi għall-ħitan ta' ġewwa u ta' barra u għall-art ta' żoni mxarrbin u pixxini;

— kits għas-sistemi tal-iżolament termali esterni b'materjali kompożiti (ETICS) b'kisi fuq ħitan tal-injam b'saff wieħed jew diversi saffi;

— iżolament termali magħmul minn suf minerali mhux ippakkjat b'mod kompatt;

— bords magħmula minn sufra naturali agglomerata għall-iżolament termali u akustiku;

— pjanċi tridimensjonali għat-tismir;

— viti u vireg bil-kamin għall-użu f'kostruzzjonijiet tal-injam;

— imsiemer tal-aluminju profilati għall-użu fi strutturi tal-injam;

— prodotti strutturali magħmula minn materjali kompożiti tal-injam: twavel laminati magħmula minn biċċiet tal-injam (LSL);

— ġonot ta' konnessjoni – ġonot tal-plywood għall-injam b'saffi inkroċjati;

— travi u kolonni magħmula minn materjali kompożiti b'bażi tal-injam;

— travi kannizzati għaż-żieda fis-saħħa tar-reżistenza f'ċangaturi ċatti u kolonni;

— elementi tal-bini ta' iżolament għall-ħitan tal-ġebel;

— regolaturi tal-fluss tal-ilma tal-maltemp vertikali ċentrifugi;

— gaġeġ f'għamla ta' kaxxa tawwalija u gaġeġ f'għamla ta' xkora magħmula minn malji eżagonali regolari mibrumin tal-metall, miksija jew mhux miksija minn qabel b'kisja organika addizzjonali;

— folji ċatti tal-plastik għat-tisqif magħmula minn plastik riċiklat li jsostnu lilhom infushom u/jew tisqif mhux kontinwu sostnut għalkollox u/jew kisi estern;

— tamboċċi b'għotjien tal-ħġieġ imwaħħla b'legatur jew b'mezzi mekkaniċi;

— twieqi tas-soqfa fissi u reżistenti għan-nar;

— sistemi tal-ikklampjar għall-konnessjoni ta' partijiet tal-konkrit mogħtija l-forma minn qabel;

— sistemi b'materjali kompożiti b'legatur estern b'matriċi inorganika għat-tisħiħ ta' strutturi tal-konkrit u tal-ġebel.

([1]) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

(4) Filwaqt li d-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni dwar il-pjanċi tridimensjonali għat-tismir u d-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni dwar it-travi u l-kolonni magħmula minn materjali kompożiti b'bażi tal-injam inħarġu biex jissostitwixxu l-Linji Gwida għall-approvazzjoni teknika Ewropea li ntużaw qabel, id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni mfassla u adottati mill-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika relatati mas-17-il prodott tal-bini huma bbażati biss fuq it-talbiet ta' manifatturi individwali għal Valutazzjonijiet Tekniċi Ewropej.

(5) Id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni mfassla u adottati mill-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika jissodisfaw it-talbiet li jridu jiġu ssodisfati fir-rigward tar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet tal-bini stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 305/2011. Għalhekk, huwa xieraq li r-referenzi ta' dawk id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) Il-lista tar-referenzi tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni ġiet ippubblikata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/450 ([2]). Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li r-referenzi ta' Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni ġodda jiżdiedu ma' dik il-lista.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 tiġi emendata skont dan.

(8) Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni minn kmieni kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/450 tad-19 ta' Marzu 2019 dwar il-pubblikazzjoni tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni (EADs) għall-prodotti tal-bini abbozzati b'appoġġ tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 77, 20.3.2019, p. 78).

ANNESS

Fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450, ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu f'ordni sekwenzjali skont l-ordni tan-numri ta' referenza:

030400-00-0605	Kits ta' impermeabilizzazzjoni bbażati fuq membrani polimeriċi għall-ħitan ta' ġewwa u ta' barra u għall-art ta' żoni mxarrbin u pixxini
040465-00-0404	Sistemi tal-iżolament termali esterni b'materjali kompożiti (ETICS) b'kisi fuq ħitan tal-injam b'saff wieħed jew diversi saffi
040729-00-1201	Iżolament termali magħmul minn suf minerali mhux ippakkjat b'mod kompatt
041389-00-1201	Bords magħmula minn sufra naturali agglomerata għall-iżolament termali u akustiku
130186-00-0603	Pjanċi tridimensjonali għat-tismir (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "ETAG 015")
130118-01-0603	Viti u vireg bil-kamin għall-użu f'kostruzzjonijiet tal-injam (li tissostitwixxi l-EAD 130118-00-0603)
130287-00-0603	Imsiemer tal-aluminju profilati għall-użu fi strutturi tal-injam
130308-00-0304	Prodotti strutturali magħmula minn materjali kompożiti tal-injam: Twavel laminati magħmula minn biċċiet tal-injam (LSL)
130336-00-0603	Ġonot ta' konnessjoni – ġonot tal-plywood għall-injam b'saffi inkroċjati
130367-00-0304	Travi u kolonni magħmula minn materjali kompożiti b'bażi tal-injam (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "ETAG 011")
160055-00-0301	Travi kannizzati għaż-żieda fis-saħħa tar-reżistenza f'ċangaturi ċatti u kolonni
170011-00-0305	Elementi tal-bini ta' iżolament għall-ħitan tal-ġebel
180023-00-0704	Regolaturi tal-fluss tal-ilma tal-maltemp vertikali ċentrifugi
200050-02-0102	Gaġeġ f'għamla ta' kaxxa tawwalija u gaġeġ f'għamla ta' xkora magħmula minn malji eżagonali regolari mibrumin tal-metall, miksija jew mhux miksija minn qabel b'kisja organika addizzjonali; (tissostitwixxi l-EAD 200050-01-0102)
220010-01-0402	Folji ċatti tal-plastik għat-tisqif magħmula minn plastik riċiklat li jsostnu lilhom infushom u/jew tisqif mhux kontinwu sostnut għalkollox u/jew kisi estern (tissostitwixxi l-EAD 220010-00-0402)
220062-00-0401	Tamboċċi b'għotjien tal-ħġieġ imwaħħla b'legatur jew b'mezzi mekkaniċi
220116-00-0401	Twieqi tas-soqfa fissi u reżistenti għan-nar
332001-00-0602	Sistemi tal-ikklampjar għall-konnessjoni ta' partijiet tal-konkrit mogħtija l-forma minn qabel
340275-00-0104	Sistemi b'materjali kompożiti b'legatur estern b'matriċi inorganika għat-tisħiħ ta' strutturi tal-konkrit u tal-ġebel